

2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali. Ir-rikorrenti ssostni li minkejja li l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għandu setgħa diskrezzjonali sabiex jistabbilixxi l-kriterji u l-modalitajiet ta' applikazzjoni tal-Artikolu 10 tal-Kondizzjonijiet tal-impjeg, dawn il-kriterji u dawn il-modalitajiet għandhom jiggarrantixxu l-livell ta' prevedibbiltà meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, għandhom josservaw il-prinċipju ta' ċertezza legali. Issa, dan ma huwiex il-każ meta ma jeżistux kriterji li jippermettu li l-membri tal-persunal temporanju jkunu jafu kif u taħt liema kundizzjonijiet jista' jkun hemm promozzjoni jew klassifikazzjoni mill-ġdid permezz ta' emenda tal-kuntratt ta' impjeg.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni. Skont ir-rikorrenti, l-eżami tar-rapporti ta' evalwazzjoni tagħha sa mill-aħħar promozzjoni tagħha fl-2016 jwassal għall-konklużjoni li d-deċiżjoni li hija ma tiġix promossa fl-2019 hija vvizzjata bi żball manifest ta' evalwazzjoni.
4. Ir-raba motiv ibbażat fuq ksur tad-dmir ta' premura. Ir-rikorrenti tqis li l-interessi tagħha ma ttiħdux inkunsiderazzjoni meta l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ddeċidiet liema membri tal-persunal kellhom jiġu promossi jew ikklassifikati mill-ġdid.

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Diċembru 2019 – Apologistics vs EUIPO – Peikert (discount-apotheke.de)

(Kawża T-844/19)

(2020/C 45/80)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Apologistics GmbH (Markkleeberg, il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Hug, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Franz Michael Peikert (Offenbach, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea discount-apotheke.de bil-kuluri aħdar ċar, aħdar skur u abjad – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 678 007

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta' Ottubru 2019 fil-Każ R 2309/2018-5

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata kif ukoll id-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-5 ta' Ottubru 2018;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Diċembru 2019 – X-cen-tek vs EUIPO – Altenloh, Brinck & Co. (PAX)

(Kawża T-847/19)

(2020/C 45/81)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: X-cen-tek GmbH & Co. KG (Wardenburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Hillers, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Altenloh, Brinck & Co. GmbH & Co. KG (Ennepetal, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni "PAX" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 487 803

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-27 ta' Settembru 2019 fil-Każ R 2324/2018-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea.